**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 11 – 6 ta' Novembru 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 11. Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Cain Grech | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events & Marketing Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Cain Grech talab li jiġi skużat minħabba li kien marid. Din it-talba ġiet milqugħa.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 10 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius skuża ruħu u qal li kien se jastjeni mill-japprova l-minuti għax ma kellux ċans jarahom qabel.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 10 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-minuti ġew approvati (46).

**2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI**

2.1. Il-Viċi Sindku kkummenta li ma kienx f' pożizzjoni li jikkummenta peress li ma kellux ċans jara l-minuti.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 8.3 tal-minuti u xtaq jiċċara li dak li ddikjara dak il-ħin fil-laqgħa kien jirrifletti s-sitwazzjoni ġewwa Ħal Mula dak iż-żmien. Is-Sindku spjega kif l-affarijiet pendenti li kien hemm biex ikun jista' jitkompla x-xogħol kollha ġew solvuti u huwa għamel kuntatt mal-kuntrattur biex jerġa' jiġi jkompli imma dan reġa beda bil-kantaliena tas-soltu fejn qiegħed jitlob li jitħallas qabel ma jiġi jkompli. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill żamm il-ftehim li kellu mal-kuntrattur u għamel il-ħlasijiet li kellu jagħmel iżda l-kuntrattur ma lestiex ix-xogħol kollu li kien hemm pendenti. Is-Sindku kompla jgħid li tant kien hemm indikazzjoni li x-xogħol kellu jitkompla li l-ġimgħa ta' qabel kien hemm laqgħa fuq il-post fejn attendew is-sur Alex Bonnici ta' Bonnici Bros, il-perit Gilbert Bartolo ta' Med Design Associates, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Project Manager, iżda minkejja dan il-kuntrattur baqa ma' ġiex.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dan huwa għamel kuntatt mal-kuntrattur u dan qiegħed jitlob ħlasijiet sabiex ikompli. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur għandu jieħu l-40% tal-valur tat-toroq li ġew ċertifikati taħt ċertifikat numru 3, li waslu għand il-Kunsill dakinhar tal-laqgħa, l-20% tal-valur tat-toroq iċċertifikati taħt ċertifikat numru 1, li huma dovuti lilu f' għeluq is-sena miċ-ċertifkazzjoni tagħhom, kif ukoll ammonti relatati ma' xogħolijiet tal-WSC.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fuq dawn ix-xogħolijiet il-Kunsill għad fadallu jieħu xi flus mid-Dipartiment għalhekk huwa ħa r-responsabiltà li jikteb lid-Dipartiment sabiex jingħata dawn il-fondi. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jħoss li l-Kunsill għandu jmur fuq l-awtoritajiet għax ma jistax ikun li l-Kunsill u r-residenti jibqgħu jiġu rikattati b' dan il-mod mill-kuntrattur. Huwa jifhem li mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt sal-llum kien għola l-valur tal-

materjal imma l-kuntrattur ma jistax jitfa' dan fuq il-Kunsill u r-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar ukoll li kien hu li kien intervjena mal-Onor. Chris Said biex iressaq talba f' isem il-kuntrattur fuq il-problema taż-żieda fil-prezzijiet tal-materjal u kien propju għalhekk li ma kienx jippretendi dan it-tip ta' atteġġjament min-naħa tal-kuntrattur.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li minkejja dan huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill juri li lest javvanza pagament ta' €36,000 lill-kuntrattur sabiex jiġi jkompli x-xogħol u r-residenti ma jkomplux isofru. Is-Sindku spjega li dan il-pagament ikun qiegħed isir mill-allokazzojon tal-Kunsill, sakemm ma' jilħqux jidħlu l-fondi mid-Dipartiment u għalhekk ċertu ħlasijiet mhux se jkun possibli li jsiru fil-vot tal-flus tax-xahar id-dieħel. Is-Sindku speċifika wkoll li l-pagament jingħata meta jibda x-xogħol.

2.6. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa jaqbel mal-proposta tas-Sindku u l-pagament jingħata biss meta jitkompla x-xogħol.

2.7. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li hija lesta li tivvota favur kwalunkwe proposta li tista tgħin lir-residenti ta' din it-triq għax ma jistgħux jibqgħu jitħallew jgħixu f' din is-sitwazzjoni.

2.8. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-proposta tiegħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata. Il-Viċi Sindku ma' pparteċipax fil-vot. (47)

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li rċieva petizzjoni minn numru ta' residenti dwar Ospizio San Giuseppe f' Misraħ l-Isptar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li baqa' bla risposta għall-ittra li huwa bagħat lill-Arċisqof, huwa ddeċieda li jikteb lic-Chairman tal-MEPA fejn talab li Misraħ l-isptar kollu u l-bini u l-ġonna tal-madwar jiġu skedati bl-għola grad.

3.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal xogħol ta' tarmac li sar minn Transport Malta fi Triq 12 ta' Mejju. Is-Sindku spjega li għalkemm kien grat ħafna ta' dan ix-xogħol, it-triq ma tlestietx kollha. Għal din ir-raġuni huwa kiteb lil Prim Ministru, fejn apparti Triq 12 ta' Mejju huwa spjegalu l-problema li l-Kunsill għandu bit-toroq rurali u kkwotalu r-rapport li ġie

kkummissjonat mill-Kunsill fuq dawn it-toroq u li l-ħsara fihom kibret wara l-aħħar maltempata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Prim Ministru wieġeb li skond ma nfurmatu Transport Malta ix-xogħol li sar kien sar għax il-Kunsill kien ittraskura t-triq. Is-Sindku spjega li huwa kiteb lura lill-Prim Ministru wara li ċċekja l-fatti u rrapurtalu kif il-Kunsill kien għamel xogħol ta' manutenzjoni (*patching*) fuq it-triq b' mod regolari.

3.2.2 Il-Kunsillier Philip Said daħal għal-laqgħa fis-6.55pm.

3.2.3. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li huwa spjega lill-Prim Ministru li l-Kunsill kiteb lilu fid-dawl tal-fatt li ġie nfurmat mill-MEUSAC li ma kienx hemm fondi fil-mument għal dawn it-tip ta' proġetti. Is-Sindku qal li l-Prim Ministru wieġbu u filwaqt li qallu li kien se jara x' jista jsir fuq il-problema tal-istat tat-toroq rurali, din kienet problema li tolqot bosta lokalitajiet u n-nefqa kaptali kienet waħda sostanzjali u ma kienx f' pożizzjoni li jwiegħed l-għajnuna tiegħu, u l-aħjar ħaġa kienet jekk il-Kunsill ikompli jiddiskuti ma' Transport Malta dwar dan is-suġġett. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għalkemm ma kienx hemm xi żviluppi kbar huwa xorta waħda kien sodisfatt li ġab l-għola awtorità eżekuttiva fil-pajjiż konxja mill-problema, tant li l-Prim Ministru kien wieġeb li kien se jidħol fiha biex jara' x' jista' jsir.

3.2.4. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Alfred Grixti propona li l-kuntrattur tal-Kunsill, is-sur Raymond Calleja jintalab jippreżenta stimi għal patching fi Triq ta' Wied is-Sewda u tal-Ħlas. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd.

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata. Il-Viċi Sindku ma' pparteċipax fil-vot. (48)

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-kunsilliera.

4.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius informa lill-Kunsilliera li kien se jastjeni mill-jivvota fuq din l-iskeda tal-pagamenti għax ma kellux ċans jarah u bla ebda disprezz lejn il-ħidma ta' xi kuntrattur.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-pagamenti ġew approvati. Il-Viċi Sindku ma' pparteċipax fil-vot. (49)

## 5. BYE-LAW MONTI (UPDATE)

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' *update* lill-Kunsill dwar il-proċess tal-*bye law*, u spjega li fil-preżent il-*bye law* kienet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sabiex jikkonsultawa u jgħaddu l-kummenti tagħhom u diġa kien hemm xi persuni li ġew jaraw il-*bye law* iżda ma għaddew l-ebda kumment dwarha.

5.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni li aktarx il-*bye law* ma kienitx se tiġi approvata sal-festi tal-Milied, u din is-sena kemm il-Milied kif ukoll l-ewwel tas-sena kienu se jiġu t-Tlieta u b' hekk il-bejjiegħa tal-ħaxix ikollhom bżonn jarmaw it-Tnejn. Il-Kunsilliera Sammut talbet li tkun taf jistax isir xi ħaġa f' dan ir-rigward.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wieħed jista' jgħid li l-Kunsill fil-prinċipju ddeċieda li meta festa pubblika tiġi t-Tlieta, il-bejjiegħa tal-ħaxix biss li għandhom il-permess sabiex jarmaw nhar ta' Tlieta jkunu jistgħu jarmaw it-Tnejn minħabba n-natura tan-negozju tagħhom. Is-Sindku qal li la kien hemm qbil fil-Kunsill u kienet qegħdha ssir ħidma fuq il-*bye law* huwa kien lest li bħala Kunsill jerfa' r-responsabiltà li tinkiteb ittra lill-Ispettur fejn jgħaddilu lista tal-bejjiegħa u jgħidlu li dawn biss għandhom il-permess tal-Kunsill biex jarmaw fl-24 u fil-31 ta' Diċembru 2012.

5.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina daħal għal-laqgħa fis-7.15pm.

5.5. Il-Kunsilliera Sammut resqet il-proposta tas-Sindku għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Hija ġiet sekondata mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

Dawk favur; Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

Dawk kontra; Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (50)

## 6. KORSIJIET TAL-ICT (PROPOSTI MILL-KUNSILLIER RESPONSABLI, C. GRECH)

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret laqgħa bejn il-*working group* fuq dan l-*item* magħmul mill-Kunsilliera Grech, Bartolo, Sammut u Aquilina u ġie deċiż li toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal min hu nteressat joffri dan is-servizz. Din is-sejħa għalqet u kien hemm kwotazzjoni waħda mingħand Horinzon 2000. Din il-kwotazzjoni ġiet evalwata mill-*working group* imsemmi u ġie deċiż li l-Kunsillier Grech flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom jiltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Horizon 2000 sabiex tiġi diskussa l-proposta u verifikati l-premises, etc.

## 7. LIBRERIJA (PROPOSTI MILL-KUNSILLIER RESPONSABLI, R. AQUILINA)

7.1. Is-Seġretarju Eżekuttiv spjega li fi ftit jiem, wara li jkun lest ix-xogħol ta' tibjid u *waterproofing*, il-librerija kienet se terġa' tiftaħ għall-pubbliku, wara li ssolvew il-problema tal-ħatra ta' librara u l-problemi relatati mas-sistema tal-IT tal-librerija.

7.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li rċiviet ilmenti mingħand persuni li qalu li l-proċess tal-*weeding* tal-kotba kien wieħed laxk, jiġifieri ċertu kotba setgħu jinżammu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proċess tal-*weeding* sar f' kordinazzjoni mas-Central Public Library.

7.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina kkummenta li kien japprezza li kieku nżamm aktar infurmat b' dan il-proċess.

7.4. Is-Sindku, Alfred Grixti, wieġeb li x-xogħol li sar kien dak li talab il-Kunsillier Aquilina u li kien hemm qbil unanimu fil-laqgħa preċedenti, jiġifieri xogħol ta' żebgħa u kisi. Huwa qal li peress li kien hemm dan il-qbil u peress li kien hemm il-ħtieġa li l-librerija tinfetaħ kemm jista' jkun malajr huwa kien ta struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Project Manager biex jagħtu prijorità lill-librerija u, għalhekk, ma kienx sew li xi ħadd jgħid li ma kienx infurmat b' dak li kien qiegħed jiġri għax id-deċiżjoni ittieħdet fil-Kunsill.

7.5 Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għall-Memo 40 dwar għajnuna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal dawk il-Kunsilli li għandhom responsabiltà ta' librerija pubblika. Il-Kunsillier Aquilina spjega din l-iskema u propona li l-Kunsill jipparteċipa fiha. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jieħu sehem.

7.6. Saret diskussjoni dwar il-proċedura ta' kif għandhom jinxtraw kotba ġodda għal-librerija. Kien hemm qbil li l-kotba jintgħażlu mill-librara f' kordinazzjoni mas-Central Public Library, u qabel ikunu *vetted* minn dawk il-Kunsilliera li jixtiequ.

## 8. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li x-xogħol fi Vjal il-Ħelsien wasal qrib it-tmiem fejn ingħatat l-aħħar kisja ta' tarmac fit-triq. Is-Sindku kompla jgħid li huwa għamel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċekja x-xogħol li sar ħalli jara jekk hemmx difetti u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni korrettiva li hemm bżonn. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien infurmat li kellha ssir laqgħa bejn il-perit Gilbert Bartolo tal-Med Design Associates u l-perit tal-kuntrattur, Stuart Azzopardi.

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hu personalment ma jgħoġbux il-mod kif ġie t-tarmac madwar ir-roundabout quddiem l-iskola sekondarja, u wassal dan l-ilment lill-perit Stuart Azzopardi, li huwa l-perit tal-kuntrattur direttament. Is-Sindku kompla jgħid li ġibed l-attenzjoni fuq numru ta' xogħolijiet li kienu għadhom ma sarux.

8.3. Kien hemm numru ta' kummenti min naħa tal-Kunsilliera dwar il-kwalità tax-xogħolijiet u kien hemm qbil li min jixtieq mill-Kunsilliera jista jiltaqa' mal-Project Manager tal-Kunsill sabiex issir lista ta' dawn l-ilmenti u din titressaq lill-Perit tal-Kunsill.

8.4. Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-*streetlighting* fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku spjega li kollox huwa relatat mad-disinn tat-triq, iżda kemm id-disinn kif ukoll it-*tender* ma speċifikawx x' tip ta' bozza kellha tintuża u kemm trid tkun qawwija għax dawn l-affarijiet jiġu negozjati mal-Enemalta. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa fatt li t-triq kif kienet qabel ma kienitx mixgħula tajjeb bi tnax il-arblu biss.

8.5. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Enemalta tħaddem standards fuq l-*streetlighting* li jiddipendu mit-tip ta' klassifikazzjoni tat-triq. Is-Sindku kompla jgħid li d-disinn oriġinali tal-*streetlighting* li ġie preżentat lill-Enemalta kien wieħed li jmur oltre minn dawn l-istandards u saħansitra oltre l-livell ta' dawl ta' Triq l-Mdina li hija klassifikata bħala *arterial road*. L-Enemalta infurmat lill-Kunsill li dan it-tip ta' disinn ma kienx aċċettabli minħabba l-ammont ta' dawl żejjed u ħela. Is-Sindku qal li fid-dawl ta' dan bdew negozjati bejn il-periti tal-Kunsill u l-Enemalta sabiex jintlaħaq livell ta' *streetlighting* li jkun aċċettabli għall-Enemalta. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa ġie nfurmat mill-periti tal-Kunsill li l-Enemalta ma kienitx qed taċċetta l-proposti kollha li kien qegħdin jitressqu u agħar minn hekk ma kienitx qegħdha tindika x' livelli ta' *streetlighting* kienu aċċettabli u ma kien

hemm ebda soluzzjoni oħra ħlief li jsir *meter*. Is-Sindku qal li fid-dawl ta' dan wara li kkonsulta mal-Perit Buhagiar huwa kiteb lill-Ministru Tonio Fenech dwar is-suġġett. Is-Sindku spjega li tweġiba ma kienx hemm imma l-affarijiet iċċaqalqu, allura jeħodha li l-Ministru kien intervjena f' dan il-każ u pubblikament jirringrazzjah.

8.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-ewwel pass li ħa kien li jsib konsulent fuq *streetlighting* u wara konsultazzjoni mal-Kunsillier responsabli mill-*streetlighting* u l-project manager huwa kellem lis-sur Stephen Xuereb, li għandu esperjenza vasta fil-qasam ta' *streetlighting* u anke offra l-konsulenza tiegħu kemm lill-Kunsilli Lokali oħrajn kif ukoll lir-Reġjuni. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li fuq suġġeriment tal-konsulent imsemmi ġiet organizzata laqgħa mal-Inġinjier tall-Enemalta tad-distrett li minn naħa tiegħu spjega li l-*standard* rikjest mill-Enemalta fuq triq bħal Vjal il-Ħelsien huwa dak ta' ME3A. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Inġinjier tad-Distrett spjega li jekk il-Kunsill jipproponi disinn ta' *streetlighting* li jqarreb dawn l-*standards* ma kellux ikun hemm problema biex jiġi approvat mill-Enemalta. Is-Sindku kompla jgħid li sabiex jintlaħqu dawn l-i*standards* l-Enemalta qegħdha tagħti parir li jintużaw forma ta' bozoz li huma *energy saving*. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fid-dawl ta' dan saret laqgħa mal-istess inġinjiera li tqabdu mill-Med Design sabiex dawn jippreparaw photometric report sabiex jiġi preżentat għall-approvazzjoni tal-Enemalta u hekk il-Kunsill ikun jaf x' tip ta' bozoz għandhom jintużaw.

8.7. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-preżent il-kuntrattur issuplixxa biss l-arbli u l-*luminaires* iżda l-bozoz le, minħabba li t-tip ta' bozoz li ħa jitnużaw jiddipendi mill-Enemalta. L-ispiża ta' dawn l-arbli bil-*luminaires* kienet tammonta għal madwar €172,000, liema somma kienet parti mit-tender. Is-Sindku qal li huwa diġa talab lill-kuntrattur sabiex jgħaddi dawn il-*luminaires* lill-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li f' dan l-istadju l-Kunsill għandu jitlob kwotazzjoni lill-kuntrattur ta' kemm se tiġi l-ispiża tal-bozoz skond it-tipi differenti ta' bozoz li jintużaw. Is-Sindku spjega li aktarx l-ispiża kienet se tirrikjedi li l-Kunsill joħroġ *tender* għal dan ix-xogħol.

8.8. Il-Kunsillier George Cortis qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jmur fuq l-LED's peress li huma l-aħjar tip ta' bozza u għandhom *lifetime* itwal.

8.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill għandu jagħmel l-għażla fuq liem tip ta' bozza jagħżel wara li jkollu r-rapporti tal-inġinjier approvati mill-Enemalta.

8.10. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf min kien li ddeċieda li jkun hemm daqshekk arbli. Is-Sindku wieġeb li kien il-Perit tal-Kunsill li ddeċieda. Il-Kunsillier Aquilina kkummenta li l-Perit seta ħareġ b' ħafna inqas arbli u b' ħafna inqas spejjeż. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li fl-istadju ta' disinjar tat-triq il-Perit Godwin Agius kien qallu li l-ammont ta'

arbli u l-mod kif saru kienu saru skont *lighting design* studies għal din it-tip ta' triq biex din tinxtegħel sewwa.

8.11. Il-Kunsilliera Catherine Sammut issuġġeriet li l-bozoz isiru b' tali mod li wara ċertu ħin jiġu *dimmed* u jiġu kkonsultati r-residenti fuq x' ħin għandu jsir dan.

8.12. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq proposta li l-Kunsill għandu jagħti struzzjonijiet lill-konsulent tal-kunsill u l-Inġinjiera biex jagħtu tlett alternattivi lill-Kunsill li jilħqu l-i*standards* rikjesti mill-Enemalta permezz ta' bozoz *high pressure sodium*, *energy saving*, u LED, u jelenkaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi u skond il-konklużjonijiet tan-nies tekniċi, il-Kunsill joħroġ *tender* għalihom. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Philip Said. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab sabiex ma jipparteċipax fil-vot. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (51)

8.13. Il-Kunsillier Duncan Bartolo ressaq talab sabiex sakemm tiġi solvuta s-sitwazzjoni tal-*streetlighting* ta' Vjal il-Helsien jiżdied l-*spotlights* f' din it-triq.

## 9. MOZZJONI TAL-VIĊI SINDKU DWAR ĦADDIEMA ADDIZZJONALI

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li din il-mozzjoni kienet se tiġi mressqa għad-diskussjoni f' laqgħa oħra.

## 10. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li t-tweġibiet għall-mistoqsijiet imresqa se jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill peress li ma kienx hemm ċans li dawn jiġu mwieġba minħabba li kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Project Manager kienu ndisposti.

10.2. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsilliera li kienet se ssir quddiesa b' risq il-vittmi tan-nar fl-10 ta' Novembru 2012.

10.3. Il-Kunsillier Philip Said poġġa fuq il-mejda kopja tal-programm tal-Healthfest.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru fis-6.30pm.

11.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut infurmat lill-Kunsill li f' dik id-data se tkun imsiefra u talbet li tiġi skużata. It-talba tal-Kunsilliera Sammut ġiet milqugħa. Is-Sindku Alfred Grixti qal li sfortunatament il-ġimgħa ta' wara hu flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsillier Cain Grech u l-Events u Marketing Co-ordinator se jkunu msiefrin sabiex jattendu għall-konferenza ġenerali tal-EFUS u għalhekk ma setax iressaq id-data tal-Kunsill biex tkun tista' tattendi l-Kunsillera Sammut.

11.3. Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti<br>Sindku | Christopher Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |